DUN ĠORĠ PRECA TAĦT INKJESTA (3)

Ix-Xhieda tal-Kappillani

ROBERT ALOISIO/robertaloisio@gmail.com

Kritika komuni mill-Kappillani li telgħu jixħdu fil-Kummissjoni kienet li tal-Museum jorganizza l-attivitajiet tagħhom fil-ħin li l-Kappillan ikun qed jispjega l-Katekiżmu

Mitt sena ilu bħal dan iż-żmien, Dun Ġorġ Preca kien ġħaddej mill-prova tan-nar ta' ħajtu meta l-Knisja Maltija ta' dak iż-żmien, immexxija mill-Isqof Mawru Caruana, feħet inkjesta fuq is-Soċjetà tal-Museum li hu kien waqqaf fl-1907.

IL-KUMMISSJONI F'PAWSA TA' RIFLESSJONI

Malli l-Kummissjoni, preseduta minn Monsinjur Lwiġi Attard, nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu, 1916, ħasset ruħha sodisfatta bix-xhieda ta' Dun Ġorġ Preca, ġieġħlitu jiffirma, u hu ma kellux għalxiex jidher iżjed quddiemha jekk ma jerġax jissejjaħ. Qabel ma kompliet tisma' x-xiehda, il-Kummissjoni għamlet pawsa ta' għaxart ijiem biex tirrifletti fuq kliem il-fundatur tal-Museum.

IX-XHIEDA KRITIKA TA' DISA' KAPPILLANI

It-tieni fażi tal-inkjesta kellha tikkonsisti fis-smigħ tax-xhieda ta' disa' kappillani li fil-parroċċi tagħhom kellhom qasam jew oqsma tal-Museum. Kull kappillan iddikjara min kien u x'kien, u ħa l-ġurament li jgħid il-verità. Ħadd mix-xhieda (lanqas Dun Ġorġ) ma ntrabat bil-vot tas-silenzju, u setgħu jitkellmu liberament fuq dak li staqsewhom wara li jkunu spiċċaw jixħdu.

Kull kappillan ġie mistoqsi fuq il-qasam tas-subien u dak tal-bniet li kien hemm fil-parroċċa tiegħu, x'relazzjoni kellhom l-oqsma mal-parroċċa, x'kien jidhirlu mill-imġiba tagħhom, u x'jaħseb fuq it-tagħlim li kien qed jingħata lit-tfal. Kważi l-kappillani kienu kritiċi għall-fatt li s-soċji tal-Museum jgħallmu t-teoloġija, xi ħaġa li qabel il-Konċilju Vatikan II ma kinitx aċċettata, jiġifieri l-lajċi sekulari jgħallmu t-teoloġija. Jikkritikaw ukoll ċerta indipendenza li tal-Museum għandhom mill-parroċċa u mill-kappillan, bħal li ma jattendux il-katekiżmu li dak iż-żmien il-kappillan kien jagħmel il-Ħadd wara nofsinhar. Imma kważi kollha jagħrfu l-ġid spiritwali li joħroġ mill-Museum.

IX-XHIEDA TAL-KAPPILLAN TAL-IMSIDA

Is-Seba' Sessjoni, 3 ta' April, 1916. Jidher il-Wisq Reverendu Saċerdot Dun Kalċidon Schembri, Kappillan tal-Imsida, li taħt ġurament se jixhed.

Kummissjoni: Kemm hemm mill-hekk imsejħa "mużewijiet" fil-parroċċa tiegħek? X'tikkummenta fuqhom? (Fl-Atti tal-Kurja hemm biss it-tweġibiet tax-xhieda, imma mill-kliem li f'idejn is-superjur Kalċidon Calleja kopja tal-Formisano (Teoloġija Morali) u osservajtlu li ma għandux jibqa' jaqraha, u hu baqa' jaqraha. Fil-bidu, wieħed mill-appostli kien jagħmel id-diskorsi (prietki) iżda ma baqax. Jien qatt ma kont preżenti għal dawn il-prietki, għax qatt ma stidnuni, u għax kienu jsiru fit-tard.

Kummissjoni: Kif jaħdem il-Mużew fi ħdan il-parroċċa?

Kappillan tal-Imsida: Biex it-tagħlim isir aħjar, xi tliet snin ilu, jiena offrejt lis-Sur Calleja, l-użu bla ħlas tal-Knisja u tad-dar qadima tal-Kappillan li hemm mal-istess Knisja. Hu ma aċċettax għax qal li huma jridu jkunu indipendenti. Jien kont għedt lill-Isqof li l-Mużewijiet ma kellhomx statuti u kien ikun tajjeb li jifformawhom, u Mons. Pace kien qabbad lis-Sur Karmenu Cassar biex jifforma l-istatuti fuq dawk ta' San Ġakbu, kif qalli l-istess Sur Cassar.

Kummissjoni: X'ma tapprovax fis-Soċjetà hekk imsejħa "Mużew"?

Kappillan tal-Imsida: Ma napprovax l-indipendenza li teżisti bejn it-tfal tal-Mużew u t-tagħlim tal-Kappillan. Dawn ma jattendux b'mod kostanti għall-ispjega li jiena u oħrajn nagħmlu tal-Vanġelu u l-katekiżmu. Li jibqgħu 'l bogħod mill-Knisja, anke f'servizz tal-funzjonijiet sagri fil-parroċċa. Ma napprovax il-fatt li jistudjaw it-teoloġija. Il-prietki mis-sekulari, li jbiegħdu lit-tfal mill-ispjega tal-katekiżmu tal-kappillan. Ċerti mezzi li jużaw biex jikkoreġu lit-tfal. Il-voti li jgħidu li jieħdu, bħal dak tal-manswetudni. U li l-Mużew tal-bniet, minkejja li għandhom is-superjura tiegħu, jiddependi mis-superjur sekulari tal-Mużew tas-subien.

Kummissjoni: Xi frott tara li joħroġ mill-hekk imsejjaħ "Mużew"?

Kappillan tal-Imsida: Li żdied it-tqarbin. Il-frekwenza tal-katekiżmu fil-Mużew. Inqas injoranza reliġjuża minn qabel. Li kieku l-passiġġati ma jsirux fil-ħin li fil-knisja jiġi spjegat il-Katekiżmu jew waqt funzjonijiet oħra, dawn ikun ta' ġid kbir temporali u spiritwali għat-tfal. Il-Mużew, kieku jkun regolat mod ieħor, ikun ta' utilità kbira għall-kappillani.

IX-XHIEDA TAL-KAPPILLAN TAL-FURJANA

Is-Seba' Sessjoni, 3 ta' April, 1916. Jidher il-Wisq Reverendu Saċerdot Dun Franġisk Mallia, Kappillan tal-Furjana, li taħt ġurament se jixhed.

Kummissjoni: Kemm hemm mill-hekk imsejħa "Mużewijiet" fil-parroċċa tiegħek? X'tikkummenta fuqhom?

Kappillan tal-Furjana: Mużew wieħed għas-subien, li nfetaħ fil-parroċċa tiegħi, bl-approvazzjoni tiegħi, xi ħames snin ilu. Naf li f'dan il-Mużew jiġi mgħallem il-katekiżmu lis-subien u li joħroġ il-ġid.

Kummissjoni: X'tikkummenta fuq it-tagħlim li jsir fil-Mużew fil-parroċċa tiegħek?

Kappillan tal-Furjana: Xi drabi, dawk li jgħallmu jagħmlu mistoqsijiet rigward punti teoloġiċi, li fil-fehma tiegħi, ma għandhomx ikunu jafu. Huma jitkellmu fuq in-nuqqasijiet tagħhom b'termini teoloġiċi morali. Dan idaħħal is-suspett li ħuma qegħdin jiġu mgħallma t-teoloġija morali mis-sekulari, billi la jien u lanqas il-qassisin l-oħra ma nidħlu f'dan il-Mużew. Dun Ġużepp Fabri jgħid li hu ma baqax imur minħabba l-preżunzjoni tal-appostli li jitkellmu fuq kwistjonijiet teoloġiċi. Jiena kont tajthom l-oratorju biex jgħallmu fih u għal funzjonijiet oħra.

Kummissjoni: X'ma tapprovax fis-soċjetà hekk imsejħa "Mużew"?

Kappillan tal-Furjana: Ma napprovax l-assenza tagħhom mill-funzjonijiet sagri u mill-prietki tal-parroċċa, u niddubita ħafna jekk f'din il-ħaġa għandhomx xi projbizzjoni mis-superjuri għax xi drabi, meta tlabna lit-tfal tal-Mużew biex iservu fil-quddiesa jew ikunu abbatini, wieġbu:

"Is-superjuri tiegħi ma jħallunix". Ma napprovax il-passiġġati li jsiru fil-ħin tal-ispjega tal-katekiżmu fil-parroċċa. U ma napprovax il-kwistjonijiet teoloġiċi li jiddiskutu fil-gara li ssir fil-pubbliku.

Kummissjoni: Xi frott tara li joħroġ mill-hekk imsejjaħ "Mużew"?

Kappillan tal-Furjana: Napprova ħafna l-frekwenza devota tas-Sagramenti. Progress fit-tagħlim tal-Katekiżmu. Li jinġabru t-tfal, anke l-iktar traskurati. Imġiba aħjar tat-tfal fil-Knisja u fil-familji. Il-viġilanza biex nibżgħu għall-moralità tat-tfal. L-ubbidjenza u s-sottomissjoni għall-osservazzjonijiet tiegħi.

L-Isqof Mawru Caruana bil-prelati quddiemu f'ritratt tal-epoka

IX-XHIEDA TAL-KAPPILLAN TA' ĦAL LUQA

It-Tmien Sessjoni, 5 ta' April, 1916. Jidher il-Wisq Reverendu Saċerdot Dun Anton Vella, Kappillan ta' Ħal Luqa, li taħt ġurament se jixhed.

Kummissjoni: Kemm hemm mill-hekk imsejħa "mużewijiet" fil-parroċċa tiegħek? X'tikkummenta fuqhom?

Kappillan ta' Ħal-Luqa: Fil-parroċċa tiegħi, minn xi tliet snin ilu 'l hawn, jeżisti Mużew wieħed għas-subien. Nismagħhom jgħidu li huwa mmexxi mill-Perit Indrì Micallef megħjun minn xi sekulari li jsejħulhom appostli; li huma Ġamri Ellul, l-aħwa Cauchi, u oħrajn.

Kummissjoni: X'tikkummenta fuq it-tagħlim li jsir fil-Mużew fil-parroċċa tiegħek?

Kappillan Ħal Luqa: Fi żmien il-ftuħ tal-Mużew, ġie jkellimni Dun Ġorġ Preca, u meta talabni jiftaħ il-Mużew għat-tagħlim tal-Katekiżmu, jien għedtlu li m'hemmx bżonn, għax diġà t-tagħlim tad-duttrina kien regolari ħafna, tant li ssir rassenja tal-attendenza, u proponejtlu, jekk irid, jibgħat fil-knisja l-koperaturi appostli tiegħu u jgħinni fit-tagħlim, jew, jekk irid, nibagħtlu dawk li diġà huma istruwiti biex jitgħallmu tagħlim ogħla. Hu feraħli għar-regolarità tad-Duttrina u ħallieni bla ma żied xejn aktar.

Tmint ijiem wara, smajt il-qanpiena ddoqq, u qaluli li kienet il-qanpiena tal-Mużew il-ġdid. Jien, għall-ewwel, ma għamilt ebda oppożizzjoni; iżda iżjed tard, ma ħallejtx lit-tfal imorru l-Mużew fl-istess ħin li nagħmel il-katekiżmu fil-knisja, u heddidthom li nżommilhom il-bullettin tat-tqarbina tal-Għid. Imbagħad għidt lis-superjur lokali biex jagħmel it-tagħlim tal-katekiżmu f'ħin ieħor; xi ħaġa li hu aċċetta u għamel.

Kummissjoni: X'ma tapprovax fis-Soċjetà hekk imsejħa "Mużew"?

Kappillan ta' Ħal Luqa: Billi kont naf li l-membri jagħmlu l-prietki, irriferejt din il-ħaġa lill-awtorità, u din qaltli li jien għandi d-dritt ma nħallix isiru dawn il-prietki. Mistieden mis-superjur biex nisma' prietka ta' sekular, jien tlabtu ngib miegħi saċerdoti oħra, u wara lis-superjur għidtlu: "Din il-ħaġa ma togħġobnix; tkellimt mal-Awtorità fuq dawn il-prietki". Hu weġibni: "Mela arawha mal-awtorità, u aħna lesti nagħmlu dak li tikkmandawna."

Nosserva wkoll li t-titli li bihom jiġu msejħa d-diversi membri huma pjuttost redikoli u bombastiċi. Lil żagħżugħ li kien katekista fil-parroċċa, meta mar il-Mużew, ma ħallewhx jgħallem iktar fil-knisja. Nismagħhom jgħidu li jgħallmu wkoll it-"teoloġija".

Kummissjoni: Xi frott tara li joħroġ mill-hekk imsejjaħ "Mużew"?

Kappillan ta' Ħal Luqa: Attwalment il-Mużew ma jattendux ħlief xi tużżana tfal li għamlu l-ewwel tqarbina, li jiena stess bgħattilhom, u li jifformaw ruħhom biex isiru appostli. Ma nafx jekk dan il-Mużew għandux id-direttur spiritwali tiegħu. Dun Ġorġ Preca jidher minn żmien għal żmien. Mill-persuni li jifformaw dan il-Mużew ma għandi xejn xi ngħid rigward l-imġiba tagħhom. Huma żgħażagħ tajbin u pjuttost eżemplari.

IX-XHIEDA TAL-ARĊIPRIET TAL-BIRGU

It-Tmien Sessjoni, 5 ta' April, 1916. Jidher il-Wisq Reverendu Kanonku, Arċipriet-Koġitur, Dun Ġużepp Farrugia, tal-Birgu, li taħt ġurament se jixhed.

Kummissjoni: Kemm hemm mill-hekk imsejħa "Mużewijiet" fil-parroċċa tiegħek? X'tikkummenta fuqhom?

Arċipriet tal-Birgu: Sentejn ilu kien jeżisti Mużew għall-bniet: Wieħed minn dawk 'l hekk imsejħa Mużewijiet ta' Dun Ġorġ Preca, li attwalment bħala Mużew m'għadux jeżisti. Ir-raġuni vera għaliex għalaq ma nafhiex.

Kummissjoni: X'ma tapprovax fis-soċjetà hekk imsejħa "Mużew"?

Arċipriet tal-Birgu: Nista' ngħid li wara li ħadt f'idejja l-kura tal-parroċċa, lis-superjura, jew lil xi apostolessi oħra, kont ordnajtilhom ma jagħmlux it-tagħlim tal-Katekiżmu lill-bniet fil-ħin li jien kont nagħmel il-Katekiżmu tal-Ħadd fil-parroċċa. Billi qaluli li din l-ordni ma kinitx qed tiġi osservata, Ħadd minnhom, jiena stess, fil-ħin tal-Katekiżmu tiegħi, mort il-Mużew biex nara hux veru. Wara li ħallewni nistenna, feħuli l-bieb, u sibt, jekk niftakar sew, xi bniet kbar mhux ħażin.

Kummissjoni: Xi frott tara li joħroġ mill-hekk imsejjaħ "Mużew"?

Arċipriet tal-Birgu: Fih innifsu, assolutament, il-Mużew huwa opra tajba, għax jiġbor it-tfal u jevitalhom il-perikli, għalkemm nara daqsxejn spirtu ta' indipendenza mill-kappillan tal-post.

IX-XHIEDA TAL-KAPPILLAN TA' SAN DUMINKU L-BELT

It-Tmien Sessjoni, 5 ta' April, 1916. Jidher il-Wisq Reverendu Patri Alwiġ Gatt, Dumnikan, Kappillan ta' Santa Marija ta' Porto Salvo, Belt Valletta, li taħt ġurament se jixhed.

Kummissjoni: Kemm hemm mill-hekk imsejħa "mużewijiet" fil-parroċċa tiegħek? X'tikkummenta fuqhom?

Kappillan ta' San Duminku l-Belt: Fil-parroċċa tiegħi, m'hemmx Mużewijiet. Fi triq qrib il-parroċċa tiegħi, fi Triq San Duminku, li tagħmel parti mill-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, hemm wieħed għas-subien. Tajt il-permess lis-superjur u l-membri tal-Mużew biex jużaw l-oratorju tagħna ħalli jiġbru s-subien u l-bniet u jagħmlu xi funzjoni.

Niftakar li għall-Karnival tas-sena l-oħra, ġabu t-tfal tagħhom ma' tagħna, u għamlu hemm kważi fil-ġhodu kollu. Għal sena sħiħa, il-katekisti tal-Mużew kienu jiġu jgħinu lill-katekisti tagħna fit-tagħlim, u ma baqgħux jiġu għax inqala' xi nuqqas ta' ftehim bejnhom u l-katekisti tagħna.

Kummissjoni: X'ma tapprovax fis-Soċjetà hekk imsejħa "Mużew"?

Kappillan ta' San Duminku l-Belt: Billi staqsejt għaliex sekular kien se jagħmel prietka fil-Festa ta' San Ġwann, jien ma tajthomx iktar permess, u minn dakinhar 'l hawn m'għadhomx jiġu fl-Oratorju tagħna.

Kummissjoni: Xi frott tara li joħroġ mill-hekk imsejjaħ "Mużew"?

Kappillan ta' San Duminku l-Belt: Jien ma nicħadx li joħroġ ġid minn dan il-Mużew, imma nosserva ċertu spirtu ta' indipendenza, billi ma jkunux iridu joqogħdu għall-parir tal-kappillan jew saċerdot ieħor, rigward it-tagħlim u rigward ħwejjeġ oħra, dejjem jimxu għal rashom. Nissuġġerixxi li huma jgħinu lill-kappillani fit-tagħlim ogħla tal-katekiżmu, taħt id-direzzjoni tal-istess kappillani.

IL-KAPPILLAN TAL-PARROĊĊA TAT-TRINITÀ TAL-MARSA

Id-Disa' Sessjoni, 7 ta' April, 1916. Jidher il-Wisq Reverendu Patri Piju minn Għawdex, Kappillan tal-Marsa, li taħt ġurament se jixhed.

Kummissjoni: Kemm hemm mill-hekk imsejħa "Mużewijiet" fil-parroċċa tiegħek? X'tikkummenta fuqhom?

Kappillan tal-Marsa: Jekk ma niżbaljax, fil-parroċċa tiegħi, hemm żewġ Mużewijiet tas-subien, u wieħed tal-bniet. Ma nafx li ġie mitlub il-kunsens tiegħi biex infetħu. Lanqas naf x'tagħlim isir jew x'isir iktar fihom. Jien ma niffrekwenta l-ebda wieħed mill-imsemmija Mużewijiet. Darba kont mistieden mis-superjura tal-bniet għar-reċita tal-Milied u mort; u erġajt mort darba oħra. F'dak tas-subien, dħalt fih darba biss għax kont għaddej minn hemm, u dak iż-żmien ma kien qed isir xejn fih.

Kummissjoni: X'ma tapprovax fis-soċjetà hekk imsejħa "Mużew"?

Kappillan tal-Marsa: Lill-membri tal-Mużew nafhom biss di vista, u ħadd qatt ma rrapportali xejn ħażin fuq l-imġiba morali tagħhom. Ma jiffrekwentawx l-ispjega tal-katekiżmu, la l-membri u lanqas it-tfal; u meta darba għamiltilhom osservazzjoni u stidinthom jiġu, ma ġewx ħlief xi darbtejn.

Smajt li l-membri tal-Museum jitgħallmu u jgħallmu t-teoloġija morali, u jużaw il-Frassinetti. Smajt ukoll li xi uħud minnhom qalu li jistgħu jieħdu ġurament bl-intenzjoni li ma jkunux qegħdin joħduh, il-kontra ta' dak li hu fir-realtà, u uħud jużaw distinzjonijiet teoloġiċi-morali.

Ma napprovax l-indipendenza tagħhom minna l-kappillani li ma tantx ifittxuna. Il-funzjonijiet tagħhom waqt il-funzjonijiet tal-parroċċa. Li ma jkunux iridu jgħinu fil-funzjonijiet tal-Knisja meta mitluba mill-Kappillan, speċjalment fl-Ora Santa. Li ma jħallux lit-tfal jaqdu fil-parroċċa: saħansitra jkeċċu mill-Mużewijiet lil min ma jismax minnhom. Is-suġġeriment li jobdu l-ewwel lill-membri u mbagħad lill-konfessur.

Kummissjoni: Xi frott tara li joħroġ mill-hekk imsejjaħ "Mużew"?

Kappillan tal-Marsa: Mill-eżami li nagħmel lit-tfal għall-Griżma u l-Ewwel Tqarbina, sibt li joħroġ il-ġid mit-tagħlim tal-Katekiżmu. Nara ukoll li hemm frekwenza tas-sagramenti, għax f'ħafna Ħdud tax-xahar, ħafna jitilgħu jitqarbnu fil-quddiesa tas-sebgħa.

(Traduzzjoni tiegħi mit-Taljan mill-Atti li jinsabu fl-Arkivji tal-Kurja u li ġew ippubblikati għall-ewwel darba bit-Taljan minn Alexander Bonnici fl-1981)

(jissokta)